



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

14.9.2011

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Relatur: Chris Davies

Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050

Daħla

Il-ħtieġa li jitnaqqsu l-emissjonijiet tat-tiŝhin globali hija akbar minn qatt qabel iżda r-rieda politika ta' xi wħud tiddgħajjef min-nuqqas ta' rieda ta' oħrajn.

Minkejja li l-gvernijiet tal-UE appoġġjaw kemm-il darba l-evidenza xjentifika u għarfu li n-nuqqas li jittieħdu passi immedjati biex tiġi żviluppata ekonomija b'livell baxx ta' karbonju jwassal għal ħafna spejjeż fl-aħjar sitwazzjoni u għal diżastru fl-agħar sitwazzjoni, ħafna juru nuqqas ta' rieda li jaġixxu b'mod deċiżiv. Ir-reċessjoni ekonomika dgħajfet il-fiduċja u naqqset l-attenzjoni. Il-prospetti li jiġi żgurat ftehim internazzjonali ambizzjuż dwar miżuri kontra t-tibdil fil-klima naqsu (għalkemm aktar nazzjonijiet qed jieħdu impenji volontarji biex jagħmlu dan). Il-Pjan direzzjonali 2050 tal-Kummissjoni Ewropea għadu ma żgurax l-appoġġ tal-Kunsill.

Dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet għandhom ħafna inċertezzi u dubji. It-tnaqqis fl-emissjonijiet min-naħa tal-Unjoni Ewropea biss ma jistax jipproteġi d-dinja mit-tibdil perikoluż fil-klima, iżda li kieku kellna nagħmlu dan, ikun hemm konsegwenzi negattivi sinifikanti għall-ekonomija Ewropea, jew tali effetti jkun marġinali? Jista' l-investment fl-iżvilupp ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju jkun ta' benefiċċju, billi joħloq opportunitajiet kummerċjali ġodda? Fin-nuqqas ta' ftehim internazzjonali vinkolanti, il-pajjiżi industrijalizzati se jieħdu miżuri stretti sabiex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom? Għandha l-UE turi sens ta' tmexxija aktar milli inċertezza?

Nistgħu niksbu l-għanijiet jekk nillimitaw l-użu ta' xi teknoloġiji? Għandna neskludu l-fissjoni nukleari, jew il-għbir u l-ħżin tal-karbonju (CCS)? Għandna nillimitaw l-gass tax-shale jew l-importazzjoni tal-bijofjuwils? Nistgħu naffordjaw li ninvestu l-ammonti meħtieġa fl-iżvilupp tat-teknoloġiji b'livell baxx tal-emissjonijiet tal-karbonju? Xi Stati Membri se jkollhom diffikultà akbar minn oħrajn biex jaslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂. Għalhekk, l-arranġamenti attwali dwar il-qsim tal-piżijiet huma suffiċjenti? Għandna nipprovdu għajnuna addizzjonali, u jekk iva min se jħallas?

In-nuqqas ta' impenn jirriżulta parzjalment mix-xettiċiżmu ta' xi politiċi lejn it-tiŝhin globali. Jista' jkun li x-xjentisti ħadu żball?

Iżda ż-żieda fl-emissjonijiet tas-CO₂ globali tkompli għaddejja. L-Osservatorju ta' Mauna Loa fil-Hawaj irreġistra livell massimu annwali ta' 394.16 ppm f'Mejju 2011, minn dak ta' 373.78 ppm għaxar snin ilu. Issa huwa żgur li ż-żieda fl-emissjonijiet tas-CO₂ globali mhux se titwaqqaf sal-2015, jew għal ħafna snin wara din id-data.

Ix-xjenza u t-tendenzi jindikaw li t-temperaturi medji tad-dinja se jogħlew b'aktar minn 2 gradi Celsius; din iż-żieda tista' sseħħ tabilħaqq matul il-ħajja ta' ħafna MEPs eżistenti. It-tiŝhin se jkompli wara li jmutu. Iċ-Ċentru Hadley tar-Renju Unit jevalwa li t-temperaturi tal-arja tal-wiċċ medji madwar id-dinja se jżiedu bejn 3 u 5 gradi Celsius matul il-perjodu bejn l-2070 u l-2100 jekk ma tittieħedx azzjoni minnufih. Fost impatti oħra, dawn it-temperaturi

jistgħu jnaqqsu b' mod sinifikanti ħafna l-produzzjoni agrikola ta' dinja li sa dakinhar se tkun qed issostni 2 biljun ruħ aktar.

M' aħniex mexjin lejn id-diżastru bl-amment, iżda resqin lejha b' għajnejna miftuħin beraħ, kompletament konxji iżda distratti.

Il-miri tal-Pjan direzzjonali

L-Unjoni Ewropea ħadet impenn assolut u unilaterali biss biex tnaqqas il-livell tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-1990 b' 20% sal-2020. Madankollu, hija adottat numru ta' politiki li jekk jiġu implimentati bis-siġħ għandhom inaqqsu l-emissjonijiet b' 40% sal-2050.

Il-Kunsill għaraf l-inadegwatezza ta' dan l-approċċ u aċċetta – b' mod ġenerali – li l-emissjonijiet jeħtieġu li jitnaqqsu bi 80-95% sal-2050. Bl-adozzjoni tal-Pjan direzzjonali tal-Kummissjoni l-Unjoni Ewropea se tintrabat li tikseb dan l-għan u se tipprovdi l-ġustifikazzjoni għal ġabra ta' proposti speċifiċi għodda għal politika. L-importanza tiegħu m' għandhiex tiġi sottovalutata.

Il-Pjan direzzjonali jipproponi tnaqqis ta' 40% fl-emissjonijiet domestiċi sal-2030 u tnaqqis ta' 60% sal-2040 bħala miri ewlenin. Il-perkors jassumi li se jkun hemm tnaqqis ta' 25% sal-2020, u l-Kummissjoni tindika li l-UE se tkun fi triqitha biex tikseb dan sakemm il-politiki li diġà ġew miftiehma jiġu implimentati bis-siġħ. Peress li l-Istati Membri jinsabu 'l bogħod milli jilhqgħu l-oġġettivi tal-effiċjenza tal-enerġija, dawn aktarx li se jkollhom bżonn l-appoġġ tal-Kunsill u tal-Parlament għal miżuri korrettivi addizzjonali.

Il-Pjan direzzjonali huwa pospost; il-pjan jassumi li r-ritmu tat-tnaqqis fl-emissjonijiet se jaċċelera biż-żmien u bl-iżvilupp fit-teknoloġija. Hemm ammont kbir wisq mill-bidliet ewlenin proposti li huma snin 'il bogħod. Għall-perjodu 1990-2020, it-tnaqqis tas-CO2 totali meħtieġ kien jammonta għal 25% biss, filwaqt li fit-tlettin sena ta' wara t-tnaqqis għandu jittla' għal 55%.

Il-bidla ddum biex isseħħ, iżda l-proposti tal-Kummissjoni jistgħu jiġu kritikati bħala kompjaċenti u insulari – minkejja li dawn jistgħu jirriflettu d-diffikultajiet biex jintlaħaq ftehim politiku għal approċċ aktar radikali. Is-suppożizzjoni li kollha se jkun tajjeb jekk tintlaħaq il-mira tal-2050 tinjora l-fatt li kull tunnellata ta' CO2 li toħroġ tista' ddum fl-atmosfera għal aktar minn 100 sena. Il-volumi tas-CO2 jakkumulaw ma' kull ġurnata li tgħaddi u dawn jikkontribwixxu fil-proċess tat-tiħin globali; it-tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tagħhom huwa meħtieġ issa b' mod urġenti u mhux biss fit-30-40 sena li ġejjin.

L-importanza għall-ekonomija Ewropea

L-isfida hija li jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 b' mod drammatiku filwaqt li tinżamm u tinbena ekonomija kompetittiva. Dawn iż-żewġ oġġettivi għandhom jintlaħqu flimkien. Ir-ritmu tal-iżvilupp f'partijiet oħra tad-dinja tant huwa mgħaġġel li l-Ewropa qed ttriskja li

tibqa' lura, billi tipprova żżomm modi antiki u assi qodma li qed jiġu sostitwiti xi mkien ieħor. Għandna bżonn nimxu 'l quddiem, billi nużaw mentalità ġdida u nieħdu opportunitajiet ġodda.

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tikkonkludi li l-kisba tal-miri tal-Pjan direzzjonali se tirriżulta f'bidla fl-iskemi tal-impjeg iżda hija bidla li b' mod ġenerali se tkun newtrali jew pożittiva. Il-benefiċċji ekonomiċi potenzjali jkunu akbar jekk l-Istati Membri jagħmlu użu effettiv mid-dħul mill-irkant u l-UE jirnexxilha tisfrutta l-vantaġġ tagħha bħala prekursor.

Il-kisba ta' din il-pożizzjoni ottimista qiegħda f'riskju li tiġi mfixkta mill-pessimiżmu u l-prospetti għal żmien qasir ta' xi lobbyists tal-industrija. Dawn spiss kienu effettivi meta qajmu beżgħat dwar il-konsegwenzi tal-bidla fil-politika.

Pereżempju, il-manifatturi tal-karozzi qalu lill-gvernijiet u lill-MEPs, bejn l-2007 u l-2008, li miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi ġodda se jżidu l-prezz tal-bejgħ tagħhom u jheddu l-futur tal-industrija. Fil-fatt, minn dakinhar 'l hawn il-prezz ta' karozzi ġodda niżel f' termini reali, filwaqt li l-liġijiet tal-UE li jeħtieġu effiċjenza akbar tal-fjuwil għabu magħhom ftit serħan il-moħħ għas-sewwieqa li jħabbtu wiċċhom ma' prezzijiet tal-fjuwil li żdiedu ħafna. L-istandards ambjentali mtejbja ma dgħajfux il-pożizzjoni kompetittiva tal-manifatturi tal-karozzi tal-UE.

It-tħassib dwar it-tħeddid għal xi setturi b'konsum għoli ta' enerġija minr-rilaxx tal-karbonju huwa leġittimu, iżda kien esaġerat ħafna. L-industriji kkonċernati għandhom bilanċ favorevoli ta' kwoti tal-karbonju allokatu liberament li se jipprovdu protezzjoni mill-effetti tal-prezzijiet tal-karbonju għas-snin li ġejjin. Il-problemi li qed tiffaċċja l-ekonomija Ewropea ma jirriżultawx mir-rilaxx tal-karbonju.

Jekk iċ-Ċina żżomm it-tkabbir fuq l-istess skala bħal tas-sena l-oħra, l-emissjonijiet tas-CO2 tagħha sal-2030 se jkunu ekwivalenti għal dawk tal-bqija tad-dinja tal-lum. Sabiex jiġi evitat dan, iċ-Ċina għandha tespandi b' mod rapidu l-użu tal-produzzjoni tal-elettriku b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll l-użu tas-CCS fuq skala tassew kbira. Id-dewmien min-naħa tal-UE fl-użu mifruż ta' teknoloġiji b'livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju se jirriżulta fl-importazzjoni tagħna tat-tagħmir minflok ma nagħmluh aħna stess. Jekk indumu, id-dominazzjoni attwali tal-kumpaniji tal-Lvant Imbiegħed fit-teknoloġija tal-enerġija solari se tiġi replikata ħafna drabi. L-UE tirriskja li tissagrifika d-drittijiet kollha għal tmexxija teknoloġika u l-opportunitajiet ekonomiċi li ġgħib magħha.

Bħala prijorità, l-UE għandha tipprovdi gwida u kjarifika għall-industrija, u b' mod partikolari għas-settur tal-enerġija. Id-deċiżjonijiet dwar l-investiment li qed jittieħdu bħalissa se jaffettwaw l-emissjonijiet tas-CO2 fl-2050. L-impjanti tal-enerġija li qed jifasslu attwalment jistgħu jidħlu fis-seħħ qabel l-2020 u jkunu għadhom qed jintużaw tliet deċennji aktar tard. Huwa essenzjali li nistabbilixxu politika fit-tul sabiex l-industrija tkun tista' tinvesti b'fiduċja u mingħajr biża' li tispiċċa b'assi mitlufa. L-adozzjoni tal-Pjan direzzjonali se tgħin biex tipprovdi ċ-ċarezza li jitolbu l-investituri.

Se jkun hemm bidla, iżda m'hemm xejn li għandna nibżgħu minnu, ħlief mill-biża nnifisha.

Il-konsegwenzi tal-votazzjoni tal-Parlament

Minkejja li din hija kwistjoni mhux leġiżlattiva, ir-rispons tal-Parlament jista' jkollu implikazzjonijiet enormi għall-politika futura. Minkejja li r-Relatur jemmen li l-Pjan direzzjonali tal-Kummissjoni huwa dgħajjef fir-rigward tat-tnaqqis fl-emissjonijiet domestiċi meħtieġa immedjatement, huwa jirrakkomanda li l-Parlament għandu japprova dan – flimkien mal-miri tas-CO2 stabbiliti għall-2030, l-2040 u l-2050.

L-approvazzjoni tal-pjan timplika r-rikonoxximent mill-MEPs li l-Unjoni Ewropea għandha tkun ippreparata biex tippovdi tmexxija dwar il-kwistjoni tat-tiżhin globali. Din se tfisser li, anki fin-nuqqas ta' trattat internazzjonali vinkolanti tat-tip li qed infittxu, il-Parlament jaċċetta li l-UE għandha taċċetta l-irwol ta' prekursor, u għandha tiegħu l-passi meħtieġa biex tibni ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050. Dan juri li l-MEPs jixtiequ li l-UE tħaddan teknoloġiji ġodda u mod għdid ta' kif jintlaħqu l-għanijiet ekonomiċi tagħna.

L-approvazzjoni tal-pjan turi l-fehim tal-Parlament li l-industrija teħtieġ li tingħata l-aktar indikazzjoni ċara possibbli tal-politika fit-tul. Hija tindika li l-MEPs japprezzaw li għandhom jiġu stabbiliti strumenti tal-politika xierqa biex jiggwidaw id-deċiżjoni dwar l-investiment, billi jisfidawhom biex jaċċettaw li għandhom jappoġġjaw il-miżuri biex jagħmlu l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet aktar soda u jżidu l-prezz tal-karbonju jew inkella għandhom jiffinanzjaw miżuri alternattivi biex jistimulaw l-istess investimenti fil-livelli baxxi tal-karbonju.

Għandna nkunu ċari x'se jiġri jekk il-Pjan direzzjonali ma jiġix approvat. M'hemm l-ebda pjan ta' riżerva. Iċ-ċaħda tal-miri proposti bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU tissuġġerixxi li l-Parlament jew ma jemminx li dawn il-miri jistgħu jintlaħqu, jew jaqtagħha li l-ispejjeż biex dawn jintlaħqu jkunu kbar wisq (ikunu xi jkunu l-konsegwenzi għad-dixxendenti tagħna), jew jirrifjuta li jaċċetta li hemm hejta li jintlaħqu.

Tali deċiżjoni tkun daqqa ta' ħarta kbira għal kull min jirrikonoxxi t-tħeddid li t-tiżhin globali jippreżenta għal biljuni ta' persuni fuq il-pjaneta tagħna. Hija ddgħajjef tassew ir-rieda tal-Kummissjoni u ta' dawk fil-Kunsill li jixtiequ jiżguraw li l-UE tadotta politiki essenzjali biex tikkontrolla t-tibdil fil-klima u żżomm il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fid-dinja. Il-messaġġ politiku li dan iwassal, jirriskja li jeqred it-tama ta' progress fin-negozjati internazzjonali.

L-opportunità tagħna

Fiż-żminijiet tal-gwerra l-affarijiet isiru malajr. Il-flus jinstabu, il-burokrazija tisfaxxa fix-xejn u l-azzjoni tittieħed.

It-tiżhin globali m'għandux l-immedjatezza tal-gwerra, iżda huwa diżastru li jipprogressa bil-mod u li se jkollu konsegwenzi mifruxa wkoll. Ir-rispons tad-dinja jimxi bil-mod ukoll. Dan mhux qed jingħata l-prijorità li jeħtieġ.

It-testi parlamentari ta' dan it-tip għandhom ħajja politika qasira. Ma tantx se jkun hemm użu

għall-fatt li l-MEPs jipprovdu kummentarju ġenerali u superfiċjali. Minflok għandna nużaw din l-opportunità biex jiġu proposti miżuri speċifiċi li l-Kummissjoni għandha tintroduċi jekk il-mira tal-2050 għandha tintlaħaq. Għandna ninsistu li l-proposti meħtieġa għandhom jitressqu fil-mandat ta' dan il-Parlament. Għandna nużaw dan ir-rapport biex napplikaw il-pressjoni b'mod pożittiv.

Nota

Il-kompetenza għal din il-kwistjoni hija kondiviża mal-Kumitat ITRE li għandu r-responsabilità esklużiva għall-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza tal-enerġija, is-sigurtà tal-enerġija, ir-rendiment enerġetiku tal-bini, it-tikkettjar tal-enerġija, il-valutazzjoni tal-konsegwenzi għas-settur tal-enerġija, il-grilja intelliġenti, l-arloġġ intelliġenti, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Ir-rapport tar-Relatur se jirrifletti din id-diviżjoni.